# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 26**

**Rikors numru 859/2012 SM**

**L-Avukat Mark Refalo għan-nom u in rappreżentanza ta' Bruno Lago**

**v.**

**European Insurance Group Limited (C 35708)**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li ppreżenta l-attur nomine fl-14 ta' Novembru 2014:

i. Minn digriet tal-ewwel Qorti tat-8 ta' Ottubru 2013 li bih ċaħdet it-talba tas-soċjeta` attriċi (rikors tat-3 ta' Lulju 2013) sabiex tipproċedi bil-kawża in eżami *ai termini* tal-artikolu

224(2) tal-Kap. 386. Kull ma ntqal fid-digriet hu li t-talba tal-attur hi miċħuda *“.... in vista tal-istess risposta fuq indikata...”*.

ii. Mis-sentenza tal-Prim’Awla tat-28 ta’ Ottubru 2014 li biha laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-istralċarju li:

*"....... is-soċjeta intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex ir-rikorrenti ma talabx u ottjena l-permess ta’ din il-qorti biex jistitwixxi din l-azzjoni ai termini tal-artikolu 224(2) tal-Kap. 386 li tapplika għas-soċjeta intimata mutatis mutandis”*.

2. L-attur nomine ippreżenta l-kawża fit-28 ta’ Awwissu 2012 u talab lill-ewwel Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas is-somma ta’ €26,774.21 flimkien mal-imgħax.

3. It-tieni eċċezzjoni li ta l-konvenut kienet li l-attur nomine ma segwiex il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 224(2) tal-Kap. 386 li qal li hu applikabbli għall-European Insurance Group Limited bis-saħħa ta’ regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings).

4. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:

*“12.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari hekk sollevata jinghad sintetikament is-segwenti:*

*“12.1. Illi permezz tal-ittra datata d-29 ta’ Settembru, 2011, mahruga mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta, is-socjeta` intimata tpoggiet fi stat ta’ stralc, (ara foll 26);*

*"12.2. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hi regolata mill-proceduri rigwardanti dan l-istat partikolari kif elenkat fl-Att dwar il- Kampaniji, Kap 386 fuq gia` riferit;*

*"12.3. Illi l-artiklu partikolari li jindirizza il-vertenza preliminari sollevata mill-istralcjarju tas-socjeta` intimata jirrizulta li hu dak sollevat mill-istess fir-risposta tieghu, senjatament l-artiklu 224 (2) tal-Kap indikat fil-paragrafu precedenti;*

*"12.4. Illi l-imsemmi artiklu jistabilixxi sintetikament li:*

*"Meta jkun sar ordni ghal stralc ... ma tista` tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi procedura kontra l-kumpanija jew il- proprjeta` taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht il- kondizzjonijiet li tista` timponi l-qorti";*

*"Ikkunsidrat:*

*"13. Illi l-artiklu kwotat fil-paragrafu precedenti ghalhekk jiddetermina l-vertenza in dizamina;*

*"14. Illi l-istess artiklu ghalhekk jiddetermina li bhala kondizzjoni sive quo non, meta f'kaz li kumpanija tkun fi stat ta' stralc kif stabbilit fl- artiklu 228 tal-Kap 386 tal-istess Ligijiet fuq indikati, gie stabilit statutorjament li l-ordni pubbliku jirrikjedi li kwalunkwe azzjoni gudizzjarja kontra tali kumpanija tirrikjedi l-fiat preventiv jew l- awtorizzazzjoni specifika tal-qorti qabel ma tkun tista` tigi intavolata kwalunkwe azzjoni fir-rigward;*

*"15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-ordni logiku awtorizzat f'kazijiet bhal dan hu li l-ewwel ikun hemm l-istralc ta' kumpanija fejn kreditur l-ewwel jitlob li jkun awtorizzat minn qorti biex jagixxi kontra l-istess kumpanija in tutela tad-drittijiet tieghu u biss wara li jkun hekk debitament awtorizzat, ikun jista` jadixxi il-qorti biex jipprotegi l-interess tieghu;*

*"16. Illi hi l-konsiderazzjoni ta' din il-qorti li tali salvagwardja hi kawtela necessitata mill-ordni pubbliku, li din il-qorti bl-ebda mod ma tista` tinjora;*

*"17. Illi ghalhekk, li kreditur jadixxi lill-qorti qabel ma jkun hekk debitament awtorizzat, ikun qed jilledi l-artiklu 224 (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji u per konsegwenza, l-azzjoni minnhu intavolata mhux biss tkun illegittima, izda tkun ukoll illegali u konsegwentement inutili".*

5. L-aggravji tal-attur huma li:

i. L-artikolu tal-Att dwar il-Kumpaniji ġie malament applikat mill-ewwel Onorabbli Qorti għall-każ in eżami.

ii. L-ewwel qorti applikat id-diskrezzjoni tagħha b'mod żbaljat meta ċaħdet ir-rikors tal-attur bid-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013.

iii. L-esklużjoni tal-azzjoni tal-attur mill-ewwel Qorti twassal għall-impossibilita` li l-attur jottjeni rimedju u rikonoxximent tal-kreditu tiegħu minn tribunal imparzjali u indipendenti.

iv. Il-Qorti naqset li tiddistingwi bejn il-ħtieġa tad-determinazzjoni tal-esistenza o meno ta' kreditu u kwistjonijiet dwar dak li huma gradwazzjoni u esekuzzjoni ta' krediti li jistgħu possibilment jkunu ta' intralċ għall-proċess ta' likwidazzjoni.

v. Il-fatt li l-istralċarju diġa` Iddetermina fin-negattiv il-pretensjoni tal-attur, huwa għandu dritt jimpunja dik id-deċiżjoni u jitlob rimedju.

vi. L-interpretazzjoni li tat l-ewwel qorti twassal sabiex l-attur jiġi mċaħħad minn smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali u indipendenti. B'hekk hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Il-konvenut nomine wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad it-talba.

**Fatti.**

7. Il-fatti prinċipali huma li:

i. B'effett mit-30 ta' April 2009 Bruno Lago inħatar bħala direttur u chairman tal-kumpanija konvenuta, li kienet involuta fin-negozju tal-assikurazzjoni.

ii. L-attur kien direttur tal-kumpanija konvenuta u qiegħed jippretendi l-ħlas ta' €26,774.21, in kwantu għal €11,215 paga għal tliet xhur minn Ġunju sa Awwissu 2010; €14,954 servizz ta' Managing Director minn Settembru sa Ottubru 2010; u €605.21 spejjeż li għamel fl-interess tal-konvenuta minn Ġunju sa Ottubru 2010.

iii. Skond dokument preżentat fir-Reġistru tal-Kumpaniji (form K), Lago rriżenzja minn dik il-kariga fis-6 ta' Awissu 2010. Ir-raġuni għar-riżenja li tissemma fid-dokument hi, *"..... the appointment of Deloitte in terms of articles 28(1)(c) and (d) of the Insurance Business Act (Cap. 403)"*. Inkarigu li ngħata mill-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta peress li l-istess Awtorita` irrevokat l-awtorizzazzjoni lill-konvenuta

sabiex tagħmel negozju ta' assikurazzjoni. Ordni li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2010.

iv. Permezz ta' ittra legali datata 8 ta' April 2011, id-difensur tal-attur kien għarraf lill-amministratur li kellu jingħata ħlas relatat mal-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu fil-kariga ta' direttur. Dan apparti ammonti oħra dovuti lilu.

v. B'ittra datata 29 ta' Settembru 2011 l-Awtorita` infurmat lil Brian Tonna ta' Nexia BT li ħatritu bħala stralċarju tal-kumpannija konvenuta. L-inkarigu ingħata lilu skont l-Artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403).

vi. Fit-28 ta' Awwissu 2012 l-attur ippreżenta l-kawża, iżda naqas li jitlob il-permess tal-Qorti skont l-artikolu 224(2) tal-Kap. 12.

vii. B'ittra uffiċjali preżentata fil-5 ta' Settembru 2012 l-istralċarju wieġeb għall-ittra uffiċjali tal-attur. Fiha intqal li ma kinux qegħdin isiru ħlasijiet u li f'kull każ mis-6 ta' Awwissu 2010 ir-rikorrent kien irriżenja mill-kariga ta' direttur, Chairman tal-Bord tad-diretturi u managing director u għaldaqstant minn dakinhar ma tax servizz lil EIG.

viii. Fit-3 ta' Lulju 2013 l-attur ippreżenta rikors li bih talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah *"..... jipproċedi bil-kawża odjerna fil-konfront tas-soċjeta` European Insurance Group Ltd a tenur*

*tal-artikolu 224(2) tal-Kap. 386 u dana salv kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun"*. Il-konvenuta wieġbet (3 ta' Ottubru 2013) u b'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru 2013 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur *"in vista tal-istess risposta fuq indikata"*.

ix. B'ittra datata fis-6 ta' Ġunju 2017 l-istralċarju bagħat jgħarraf lid-difensur tal-attur li t-talba tiegħu għall-ħlas ta' €26,774.21 *"..... will not be accepted, unless and until the proceedings instituted by your client (application number 859/2012) against the Company are determined by the court in his favour and become res judicata"*. Fl-ittra żied li l-pretensjoni tal-atturi ma kinitx tgawdi minn preferenza għall-ħlas u dan in vista tal-Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) Regulation (Leġislazzjoni Sussidjarja 403.15 tal-Liġijiet ta' Malta), *"..... pursuant to which insurance claims rank before any other claim against the assets of the Company. Furthermore, I trust you are aware of the provisions of article 20 of Cap 452 of the Laws of Malta relating to, inter alia, the maximum amount of the privileged claim in relation to wages"*.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. L-Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 385) jipprovdi:

> *"(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħataramministratur provviżorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti".*

9. L-attur beda l-proċeduri kontra l-kumpanija konvenuta permezz tar-rikors ġuramentat li ppreżenta fit-28 ta' Awwissu 2012. Dakinhar l-attur kien jaf li l-Awtorita` kienet inkarigat amministratur, tant li bagħat ittra legali datata 8 ta' April 2011. Evidenti wkoll li qabel ippreżenta l-kawża, l-attur kien jaf li l-kumpanija ġiet xolta u inħatar Brian Tonna bħala stralċarju. Dan jirriżulta mil-lista tax-xhieda li hemm mar-rikors ġuramentat, fejn wieħed mix-xhieda hu, *"L-intimati, <u>inkluż il-likwidatur Brian Tonna</u> in subizzjoni"*. Għalhekk dan żgur ma kienx każ fejn l-attur seta' forsi jargumenta li ma kellu l-ebda ħjiel dwar il-ħatra tal-istralċarju.

10. Madankollu jibqa' il-fatt li fil-meritu l-konvenut qiegħed jikkontesta l-pretensjoni tal-attur. Tant hu hekk li t-tielet eċċezzjoni taqra:

> *"3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Bruno Lago kien direttur tal-EIG mill-April 2019 sa Awissu ta' l-2010 (kopji tal-Forms Ks hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. EIG1', u 'Dok. EIG2' li permezz tagħhom skond kif meħtieġ ai termini tal-Kap. 386, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ġie nnotifikat bir-riżenja tad-diretturi, fosthom Bruno Lago) u l-EIG saret insolventi taħt il-ġestjoni tiegħu u tad-diretturi l-oħra, u dan b'riżultat ta' atti u ommissjonijiet tiegħu u ta' oħrajn. Bruno Lago m'għandux jitħallas dak li qed jippretendi u l-EIG tirriżereva d-dritt li tmexxi kontrih fir-rigward tal-atti u l-ommissjonijiet tiegħu".*

11. Għalhekk hu evidenti li dan m'huwiex każ fejn l-istralċarju jaċċetta li l-kumpanija hi debitriċi tal-konvenuta. Eċċezzjoni li tfisser li l-attur bilfors ser ikollu jirrikorri quddiem qorti sabiex jiġi kanonizzat kreditur. F'każ li jfalli f'dawn il-proċeduri m'hemm xejn milli jwaqqaf lill-attur milli jerġa' jibda l-proċeduri mill-ġdid billi l-ewwel jitlob il-permess tal-Qorti.

12. L-Artikolu 224(2) jinsab f'dik il-parti tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) li jikkonċerna stralċ b'ordni tal-Qorti.

13. Fl-ewwel aggravju l-appellant ilmenta li dik id-disposizzjoni tapplika biss għal każijiet ta' stralċ fuq ordni tal-Qorti, u wkoll f'dak il-każ id-diskrezzjoni hi mħollija lill-Qorti. L-attur argumenta li f'dan il-każ l-istralċ ma ġiex ordnat mill-Qorti, u għaldaqstant l-ewwel Qorti kellha tapplika dik id-disposizzjoni fis-sens letterali tal-kliem użati u mhux b'mod estensiv.

14. L-appellat ma jaqbilx u argumenta li għalkemm l-istralċ ma kienx ordnat mill-Qorti u l-istralċarju nħatar mill-Awtorita` skond l-artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403), b'daqshekk ma jfissirx li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 224 ma japplikax għall-każ in eżami. Żied:

> *"L-artikolu 224 ġie invokat mill-EIG mhux għaliex l-istralċ huwa wieħed ordnat mill-qorti (l-istralċ kien ordnat mill-MFSA), iżda għaliex ir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings) jipprovdi illi: "Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the*

> *Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with the Companies Act". Ir-regolament 10(2) għalhekk jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 mingħajr distinzjoni"*.

15. Regolament 10(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 403.15 (Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings)[1] jipprovdi:

> *"(2) Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with these regulations and the Companies Act as made applicable by these regulations"*.

16. Il-konvenut qiegħed jargumenta li bis-saħħa ta' dak ir-regolament, japplika l-Artikolu 224(2) tal-Kap. 12. Madankollu għalkemm dawk ir-regolamenti jikkontemplaw għax-xoljiment u stralċ fuq ordni tal-Qorti, f'dan il-każ ix-xoljiment sar b'ordni tal-Awtorita` skont Artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403). Skont dik id-disposizzjoni l-Awtorita` fejn tkun sodisfatta li jeżistu ċirkostanzi serji biżżejjed:

> *"(f) tagħti ordni għax-xoljiment u stralċ ta' kumpannija, jew fil-każ ta' impriża jew, fil-każ ta' impriża jew, fil-każ ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni ta' pajjiż terz"*.

17. Fit-tweġiba l-konvenuta għamlet riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti <u>Avukat Mark Refalo nomine v. European Insurance Group Limited</u> tad-9 ta' Novembru 2012, fejn qalet:

---

[1] Regolamenti li ġew pubblikati biss bl-Ingliż.

*"16. L-Att dwar il-Kumpanniji jaħseb għal żewġ forom ta' stralċ: stralċ mill-qorti u stralċ volontarju. Stralċ volontarju mbagħad jista' jkun tal-membri jew tal-kredituri. Il-Kap. 386 ma jaħsibx għal stralċ minn xi awtorità oħra iżda d- dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 dwar stralċ xorta jgħoddu għal soċjetà assikuratriċi stralċjata mill-Awtorità bis-saħħa tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings).*

*"17. Mela l-istralċ tad-Debitriċi huwa regolat jew mid- dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 dwar stralċ mill-qorti jew mid- dispożizzjonijiet tal-istess liġi dwar stralċ volontarju. Billi l-Awtorità, bħall-qorti, hija indipendenti kemm mis-soċjetà nfisha, kemm mill-membri tagħha u kemm mill-kredituri, stralċ mill-Awtorità aktar għandu xebh ma' stralċ mill-qorti milli ma' stralċ volontarju u għalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispożizzjonijiet ta' stralċ li jirregolawh għandhom ikunu dawk ta' stralċ mill-qorti aktar milli dawk dwar stralċ volontarju.*

*"18. Għal din ir-raġuni l-art. 222 igħodd għall-każ tallum u, billi l-mandat inħareġ wara li d-Debitriċi bdiet tiġi stralċjata mill-qorti, il-Mandat għandu jitqies null".*

18. Hekk ukoll fid-deċiżjoni <u>Avukat Dr Michael Zammit Maempel nomine v. European Insurance Group Limited</u> tat-22 ta' Frar 2013 l-istess Qorti reġgħet ikkonfermat:

*"9. Għar-raġunijiet mogħtija minn din il-qorti fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2012 in re Avukat Mark Refalo nomine v. European Insurance Group Ltd , li għaliha qiegħda ssir referenza, stralċ taħt l-art. 28(1)(f) tal-Kap. 403 jitqies daqslikieku stralċ mill-qorti u għalhekk igħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-art. 222 u 303 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]".*

19. Kif din il-Qorti sabet li japplika l-Artikolu 222 tal-Kap. 386 f'każ ta' xoljiment li jsir fuq ordni tal-Awtorita` skont l-Artikolu 28 tal-Kap. 403, daqstant ieħor allura għandu japplika l-Artikolu 224 tal-Kap. 386.

20. Irrispettivament min-natura tal-pretensjoni l-permess għandu jintalab u mbagħad il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni a bażi tat-tagħrif li jingħata mill-partijiet ikkonċernati.

21. Il-ħtieġa għal dik l-awtorizzazzjoni hi sabiex kumpannija ma tispiċċax b'ħafna kawżi kontriha li ovvjament ifissru wkoll spejjeż li jnaqqsu mill-assi tal-kumpanija a skapitu ta' kredituri tal-kumpanija, u f'ċertu każijiet bla bżonn. Mingħajr dik il-proċedura kumpanija fi stralċ taf tkun soġġetta għall-proċeduri li jpoġġu piż finanzjarju fuqha u li jieħdu ż-żmien u jtawwlu bla bżonn il-proċess ta' stralċ, u li eventwalment jafu jkunu inutli. Il-Qorti tifhem li sabiex jingħata dak il-permess għandu jkun hemm kontroversja vera bejn il-partijiet u ma jingħatax meta jkun evidenti li l-pretensjoni ma tkunx ġenwina u fiergħa. Ovvjament dan l-eżerċizzju għandu jsir b'mod li jkun kompatibbli mad-dritt ta' persuna li jkollha aċċess għall-Qorti.

22. Fil-liġi m'hemmx lista taċ-ċirkostanzi meta l-permess għandu jingħata u għalhekk id-deċiżjoni tiddependi mill-każ li jkollha quddiemha l-Qorti li quddiemha ssir talba *ai termini* tal-Artikolu 224(2) tal-Kap. 386.

23. Il-verżjoni bl-Ingliż tal-art. 224(2) taqra:

> *"(2) Where a winding up order has been made or a provisional administrator has been appointed in accordance with the provisions of article 228, no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company or its property except by the leave of the court and subject to such terms as the court may impose".*

24. Min-naħa l-oħra il-verżjoni bil-Malti hi: "...... ma *tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti ......".*

25. Skont l-Artikolu 2(7) tal-istess liġi fejn hemm kunflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

26. Skond il-fehma tal-Qorti il-kliem *"proceeded with"* hu wiesa' biżżejjed sabiex jagħti lill-attur il-possibilta` li jitlob il-permess waqt il-kawża. Wara kollox f'dik iċ-ċirkostanza, l-għan tal-leġislatur xorta jintlaħaq fis-sens li l-assi tal-kumpaniji jkunu amministrati skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji u jiġi aċċertat li ħadd ma jipprova jieħu vantaġġ mingħajr ma jkun hemm superviżjoni minn qorti.

27. B'referenza għall-aggravju li l-ewwel Qorti wżat id-diskrezzjoni tagħha b'mod żbaljat, l-ewwel parti tal-ilment tal-attur hu li d-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013 m'huwiex motivat. Din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` tiddeċiedi li sempliċi dikjarazzjoni f'digriet li jiċħad talba minħabba r-risposta, m'hijiex motivazzjoni suffiċjenti. Il-Qorti li tat l-imsemmi digriet kellha d-dmir li fid-digriet tagħti r-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talba u mhux sempliċement tgħid li t-talba miċħuda *"in vista tal-istess risposta fuq indikata"*. F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza għall-Artikolu 221(2) li

jirreferi għall-Artikolu 218 tal-Kap. 12. Il-Qorti m'għandhiex dubju li d-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013 mogħti wara r-rikors preżentat waqt il-kawża, hu wieħed minn dawk li għalih japplika l-Art. 229 tal-istess liġi.

28. Il-Qorti ser tieqaf hawn u m'hemmx ħtieġa li tikkunsidra l-aggravji l-oħra.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' l-appell tal-attur nomine u tħassar id-digriet tat-8 ta' Ottubru 2013 u s-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2014, u tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ billi fl-ewwel lok tiddeċiedi jekk l-attur nomine għandux jingħata l-permess sabiex ikompli bil-kawża.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr